BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

# STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

31 ta` Diċembru 2013

**ĦARĠA NRU 9/2013**

**SETTEMBRU 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Settembru 2013.

## Depożiti ta' residenti f'Malta

F'Settembru, id-depożiti ta' residenti f'Malta miżmuma ma' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta żdiedu b'€41.3 miljun, jew b'0.4% (ara Tabella 1).[1] Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali telgħet għal 6.1% minn 6.0% x-xahar ta' qabel (ara Grafika 1).

It-tkabbir fid-depożiti seħħ l-iktar minħabba żieda fid-depożiti li jintrabtu sa sentejn. Dawn tal-aħħar żdiedu b'€34.8 miljun, jew b'1.0%, b'rapporti ta' bilanċi ogħla għall-biċċa l-kbira tas-setturi ekonomiċi, partikolarment il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti saret waħda pożittiva, wara seba' xhur konsekuttivi ta' tnaqqis annwali, u laħqet il-1.0%.

Id-depożiti *overnight* żdiedu wkoll, b'€6.9 miljun, jew b'0.1%, wara bilanċi ogħla ta' individwi u ta' intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti *overnight* battiet għal 10.7% minn 11.4% f'Awwissu.

Min-naħa l-oħra, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur naqsu b'€0.4 miljun, jew b'0.4%, minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji.

## Kreditu mogħti lil residenti f'Malta

F'Settembru, il-kreditu mogħti minn IFM residenti f'Malta lil residenti f'Malta żdied b'€89.7 miljun, jew b'0.8%, l-aktar minħabba żieda fil-kreditu lill-gvern ġenerali. Il-kreditu lil setturi oħra żdied ukoll, għalkemm b'ammont iżgħar. B'riżultat ta' dan, ir-rata annwali tat-tkabbir tal-kreditu telgħet għal 1.6% f'Settembru, minn 0.5% f'Awwissu (ara Grafika 2).

Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied b'€86.0 miljun, jew bi 3.3%. Dan seħħ minħabba żieda fil-portafolji tal-banek ta' Stokks tal-Gvern ta' Malta, li seħħet wara l-ħruġ tal-Istokks tal-Gvern ta' Malta fis-suq primarju f'Settembru, kif ukoll żieda fl-ammonti ta' *bills* tat-Teżor miżmuma minnhom. B'riżultat ta' dan, u anke minħabba tnaqqis

[1] Id-depożiti ta' residenti f'Malta u miżmuma ma' IFM residenti f'Malta li jagħmlu parti mill-aggregat monetarju sħiħ (M3).

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

sostanzjali fil-kreditu lill-gvern ġenerali sena qabel, ir-rata tat-tkabbir annwali tiegħu aċċellerat b'mod qawwi għal 8.6% minn 2.2% fix-xahar ta' qabel.

Sadattant, il-kreditu lil setturi oħra prattikament baqa' l-istess, hekk kif żieda fis-self mogħti lill-individwi ġiet imtaffija bi tnaqqis nett fis-self mogħti lil kumpaniji mhux finanzjarji. Is-self lis-settur tal-kostruzzjoni kompla jonqos, kif ukoll is-self mogħti lill-kumpaniji mhux finanzjarji involuti fis-settur tal-akkomodazzjoni u tas-servizzi tal-ikel. Flimkien dawn pattew għal żieda fis-self lis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut. Is-self lill-individwi, l-aktar għax-xiri tad-djar, żdied ukoll matul ix-xahar. Kollox ma' kollox, il-kreditu mogħti lis-setturi kollha barra l-gvern ġenerali naqas sena fuq sena, bir-rata tat-tkabbir annwali tinżel għal -0.4% f'Settembru minn 0% f'Awwissu.

**Assi barranin netti tal-IFM Maltin**

L-assi barranin netti tal-IFM residenti f'Malta żdiedu b'€225.7 miljun, jew bi 2.0%, hekk kif tnaqqis fl-obbligazzjonijiet tagħhom lejn residenti barranin kien akbar minn tnaqqis fl-assi tagħhom barranin (ara Tabella 1).[2] Ċaqliq kbir fl-assi u fl-obbligazzjonijiet barranin ta' spiss jirrifletti transazzjonijiet transkonfinali ta' banek internazzjonali li joperaw minn Malta. It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin seħħ l-iktar minħabba tnaqqis fis-self minn IFM barranin, flimkien ma' tnaqqis fil-livell ta' depożiti ta' residenti barranin. It-tnaqqis fl-assi barranin seħħ primarjament minħabba tnaqqis fil-bilanċi ta' depożiti miżmuma barra minn Malta minn banek residenti.

B'riżultat ta' dan, l-assi barranin netti naqsu b'rata aktar moderata fuq bażi annwali ta' 3.9% fis-sena sa Settembru, għall-kuntrarju ta' tnaqqis ta' 5.2% fit-tnax-il xahar sa Awwissu.

**Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[3]**

F'Settembru, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM fuq id-depożiti kollha ta' individwi residenti u ta' kumpaniji mhux finanzjarji baqgħet l-istess, jiġifieri 1.41%. Bl-istess mod, ir-rata tal-imgħax mitluba mill-IFM residenti fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji Maltin baqgħet l-istess, jiġifieri 4.30%.

Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet punt bażi iktar minn dik offruta sena qabel, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet ħames punti bażi inqas.

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-IFM residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'€24.3 miljun, jew b'0.2%, f'Settembru għal €11.1 biljun (ara Tabella 2). Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 8.3% minn 8.9% f'Awwissu, hekk kif iż-żieda kienet iżgħar minn dik irreġistrata tnax-il xahar qabel.

---

[2] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[3] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet, u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

It-tkabbir fl-M3 seħħ prinċipalment minn żieda fil-komponent monetarju intermedju (M2), li żdied b'€29.4 miljun, jew b'0.3%. Ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M2 battiet għal 8.3% matul Settembru, minn 8.9% f'Awwissu.

It-tkabbir fl-M2 irrifletta żieda fid-depożiti li jintrabtu sa sentejn. Dawn id-depożiti żdiedu b'€25.2 miljun, jew b'0.6%, l-iktar minħabba żieda fil-bilanċi tal-kumpaniji residenti tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet.

Fl-istess waqt, l-aggregat monetarju ristrett (M1), li jagħmel parti wkoll mill-M2, żdied b'€4.6 miljun, jew b'0.1%, wara żieda fil-flus maħruġa. B'kuntrast għal dan, id-depożiti *overnight*, li jiffurmaw il-parti l-oħra tal-M1, naqsu b'€1.1 miljun, hekk kif tnaqqis fid-depożiti tal-kumpaniji mhux finanzjarji kien akbar minn żieda fil-bilanċi tal-individwi. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 niżlet għal 9.8% f'Settembru, minn 10.5% x-xahar ta' qabel.

Id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, naqsu b'€0.4 miljun, jew b'0.4%.

Fir-rigward tal-kontropartjiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro żdied bi €53.4 miljun, jew b'0.4%, hekk kif żieda fil-kreditu lill-gvern ġenerali pattiet għal tnaqqis fil-kreditu lil residenti oħra. Minħabba f'hekk, f'termini annwali, il-kreditu naqas b'pass inqas mgħaġġel, bir-rata tat-tkabbir negattiv titla' għal -6.5% f'Settembru minn -7.1% f'Awwissu.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali żdied bi €82.8 miljun, jew bi 2.1%, biż-żieda fil-kreditu mogħti lis-settur tal-gvern ġenerali Malti tpatti għal tnaqqis fil-kreditu mogħti lil entitajiet oħra governattivi fiż-żona tal-euro, b'dan tal-aħħar permezz ta' tnaqqis fl-ammonti miżmuma ta' titoli tal-gvern. Min-naħa l-oħra, il-kreditu lil setturi oħra naqas b'€29.4 miljun, jew b'0.3%, l-aktar wara tnaqqis fis-self mogħti lil kumpaniji residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn IFM residenti f'Malta u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet b'€1.6 biljun, jew bi 15.6%, li seħħ minħabba t-transazzjonijiet ta' numru ta' banek b'orjentament internazzjonali. L-obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro żdiedu minħabba żieda fl-ammonti miżmuma mill-IFM ta' titoli maħruġa minn gvernijiet barra ż-żona tal-euro, kif ukoll minħabba li żdied is-self mogħti lill-IFM barra ż-żona tal-euro. Min-naħa l-oħra, tnaqqis fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro prinċipalment irrifletta tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn IFM barra ż-żona tal-euro ma' banek residenti. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kontroparti esterna aċċellerat f'salt għal 39.1% minn 4.1% f'Awwissu.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, żdiedet b'€1.7 biljun, jew bi 11.6%, matul ix-xahar minħabba żieda ta' €1.5 biljun f'obbligazzjonijiet oħra tal-IFM (netti). Din iż-żieda seħħet minħabba żieda f'obbligazzjonijiet tal-IFM residenti lil banek oħra taż-żona tal-euro, kif ukoll minħabba tnaqqis fl-obbligazzjonijiet tagħhom lejhom. L-aġġustamenti tal-portafolji tal-IFM spiss jinvolvu transazzjonijiet b'termini assoluti li jaffettwaw il-kategoriji tal-kontroparti esterna u tal-'kontropartijiet l-oħra'.

Sadattant, fost il-kumplament tal-komponenti tal-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', l-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal żdiedu b'€200.5 miljun, jew b'1.7%,

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

minħabba żieda fir-riżervi li seħħet minħabba bidliet fil-prezzijiet tas-suq. Madankollu, l-obbligazzjonijiet lejn il-gvern ċentrali naqsu b'€4.9 miljun, jew b'0.7%, matul ix-xahar hekk kif naqsu d-depożiti tal-gvern.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*EUR miljuni*

| | Set-13 | Aww-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Set-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Set-13 | Aww-13 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **9,290.5** | **9,249.2** | **41.3** | **0.4** | **8,755.0** | **6.1** | **6.0** |
| Depożiti *overnight* | 5,481.7 | 5,474.8 | 6.9 | 0.1 | 4,950.8 | 10.7 | 11.4 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 111.2 | 111.7 | -0.4 | -0.4 | 144.0 | -22.7 | -19.4 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,697.6 | 3,662.8 | 34.8 | 1.0 | 3,660.3 | 1.0 | -0.3 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,326.0** | **11,236.3** | **89.7** | **0.8** | **11,150.2** | **1.6** | **0.5** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,665.5 | 2,579.6 | 86.0 | 3.3 | 2,453.6 | 8.6 | 2.2 |
| Self lil setturi oħra | 8,660.4 | 8,656.7 | 3.7 | 0.0 | 8,696.6 | -0.4 | 0.0 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,604.8** | **11,379.2** | **225.7** | **2.0** | **12,070.1** | **-3.9** | **-5.2** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 45,128.3 | 45,793.0 | -664.8 | -1.5 | 43,876.0 | 2.9 | 3.5 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 33,523.5 | 34,413.9 | -890.4 | -2.6 | 31,805.9 | 5.4 | 6.8 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI

## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[(1)(2)]

*EUR miljuni*

| | Set-13 | Aww-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Set-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Set-13 | Aww-13 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI[(3)]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **6,428.5** | **6,423.9** | **4.6** | **0.1** | **5,854.1** | **9.8** | **10.5** |
| Flus maħruġa[(4)] | 761.2 | 755.5 | 5.7 | 0.8 | 718.7 | 5.9 | 5.0 |
| Depożiti *overnight* [(5)] | 5,667.3 | 5,668.4 | -1.1 | 0.0 | 5,135.3 | 10.4 | 11.3 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **10,831.8** | **10,802.4** | **29.4** | **0.3** | **10,000.8** | **8.3** | **8.9** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 6,428.5 | 6,423.9 | 4.6 | 0.1 | 5,854.1 | 9.8 | 10.5 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(5)] | 111.3 | 111.7 | -0.4 | -0.4 | 145.7 | -23.6 | -20.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(5)] | 4,292.0 | 4,266.8 | 25.2 | 0.6 | 4,001.0 | 7.3 | 7.5 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **11,053.8** | **11,029.4** | **24.3** | **0.2** | **10,203.3** | **8.3** | **8.9** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 10,831.8 | 10,802.4 | 29.4 | 0.3 | 10,000.8 | 8.3 | 8.9 |
| Titoli negozjabbli[(6)] | 222.0 | 227.0 | -5.0 | -2.2 | 202.5 | 9.6 | 12.0 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **14,927.3** | **14,873.8** | **53.4** | **0.4** | **15,960.6** | **-6.5** | **-7.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,103.6 | 4,020.8 | 82.8 | 2.1 | 3,818.5 | 7.5 | 2.7 |
| Self lil setturi oħra | 10,823.6 | 10,853.0 | -29.4 | -0.3 | 12,142.1 | -10.9 | -10.2 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **12,127.2** | **10,489.9** | **1,637.3** | **15.6** | **8,717.6** | **39.1** | **4.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 35,672.5 | 35,409.3 | 263.2 | 0.7 | 32,533.9 | 9.6 | 4.6 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 23,545.3 | 24,919.4 | -1,374.1 | -5.5 | 23,816.3 | -1.1 | 4.8 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **16,000.8** | **14,334.2** | **1,666.5** | **11.6** | **14,474.9** | **10.5** | **-10.2** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 691.5 | 696.4 | -4.9 | -0.7 | 945.9 | -26.9 | -13.6 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,763.0 | 11,562.4 | 200.5 | 1.7 | 12,506.2 | -5.9 | -7.8 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 3,546.4 | 2,075.4 | 1,470.9 | 70.9 | 1,022.8 | 246.7 | -20.6 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**
**Tkabbir f'depożiti magħżula ta' residenti Maltin inklużi fl-M3**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 2**
**Kreditu lir-residenti Maltin**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.